**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 31, 214, 215, 216, 338 (dd), 383, 384, 385, 386, 387, 389, 412C u 533 tal-Kapitolu 9; u l-Artikoli 4 u 25 (c) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:969/2013***

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**DONALD (DONALD JOHN) BONNICI**

**MARCO BONNICI**

**-OMISSIS-**

**-OMISSIS-**

**Illum 19 ta' Jannar , 2017.**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **DONALD (DONALD JOHN) BONNICI**

u

**MARCO BONNICI** u

**-OMISSIS-**

u

**-OMISSIS-**

Gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar il-01 ta' Ottubru, 2013 bejn is-sitta u nofs ta' filghodu u s-sebgha u nofs ta' filghodu (06.30a.m. - 07.30a.m.), gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Steve Lefevre hekk kif iccertifika Dr. Daniel Varnai M.D. detentur ta' numru tar-registru mediku 3433 gewwa l-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; matul il-lejl volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U **DONALD (DONALD JOHN) BONNICI** u **MARCO BONNICI** wahedhom akkuzati talli:

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi mpjegaw, haddmu jew ippermettew l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati kemm-il darba dawk is-servizzi ma nghatawx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati li ghandhom licenzja skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

U **MARCO BONNICI** wahdu akkuzat talli:

5. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Steve Lefevre jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghall-Parir Legali ta' Donald Bonnici a fol 13, stqarrija ta' Donald (Donald John) Bonnici a fol. 14 u 15, Dikjarazzjoni ta' Rifjut

tal-Jedd ghall-Parir Legali ta' Marco Bonnici a fol. 16, stqarrija ta' Marco Bonnici a fol. 17 u 18, okkorrenza a fol. 19 et sequitur, fedina penali ta' Donald (Donald John) Bonnici a fol. 24 u 25, fedina penali ta' Marco Bonnici a fol. 26 u 27, estratti mill-att tat-twelid ta' Donald (Donald John) Bonnici u Marco Bonnici a fol. 30 u 31 rispettivament u certifikat mediku ta' Steve Lefevre a fol. 33 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 xehed **PS1540 Edmond Fenech** u spjega li nhar l-1 ta' Ottubru 2013 ghall-habta tas-sebgha PC 1154 ircieva telefonata li kien hemm glieda hdejn il-Havana. Huwa flimkien ma' PC304 u PC407 marru fuq il-post. Ezatt kif waslu quddiem il-Burger King kien hemm persuna li kienet tidher ferm ecitata u beda jipponta subghajh lejn Donald Bonnici I.D.Card No. 571074M u jallega li sawwtu. Donald Bonnici gie ordnat sabiex jidhol fil-vettura tal-Pulizija. Steve Lefevre li huwa ta' nazzjonalita' Franciza beda jallega li din il-persuna, cioe' Donald, kienet sawtitu. Zied li sakemm waslet l-ambulanza l-Pulizija thabtu hafna sabiex jippruvaw jikkalmaw lil din il-persuna fejn f'hinijiet minnhom beda jhedded u jmur mal-vettura tal-Pulizija u jghid lil Donald li ser joqtlu. Qal ukoll li kif ittiehed l-Ghassa Donald qal li huwa kien ipprova biss iferraq il-glieda u enfasizza li hu ma tah l-ebda daqqa ta' ponn u beda juri jdejh sabiex jiggustifka dan. Ix-xhud qal li huwa flimkien ma' PC 407 marru

gewwa l-Emergenza fl-isptar Mater Dei sabiex jingieb ic-certifikat kif ukoll sabiex tittiehed il-verzjoni ta’ Steve Lefevre li stqarr li kien qieghed gewwa l-Gentlemen Club u offra xi erbgha mitt euro (€400) lit-tfajliet u biex jiltaqa' maghhom barra. Hu qal li xtralhom ukoll diversi *drinks*. Wara li telaq u rega' mar sabiex jidhol go dan il-klabb, il-klabb kien qieghed jaghlaq u ma' thalliex jidhol u minn hemmhekk bdew gejjin diversi daqqiet u mmbuttar. Lefevre stqarr ukoll li kien hemm xi tlieta min-nies li bdew ituh. Dr. Daniel Varnai M.D. Reg. 3433 iccertifika li Steve Lefevre kien qed isofri minn griehi gravi.

Mistoqsi jekk lil Donald Bonnici kienx qed jaghrfu hemm prezenti fl-Awla huwa spjega li iva u ndikah bhala persuna samranija. Huwa pprezenta l-okkorrenza ffirmata minnu li giet immarkat bhala Dok. EF1 lill-Magistrat. Mistoqsi jekk fuq il-persuna ta’ Donald Bonnici setax jara xi haga li turi kif kien involut fil-glieda, huwa spjega li kien hemm biss xi naqra demm maz-zarbun u anke naqra mal-qmis.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi jekk huma rcevewx din l-informazzjoni biex imorru allura vicin tal-Burger King huwa spjega li le vicin il-Havana, quddiem il-Havana kien il-glied. Mistoqsi x’ghamlu ezatt meta waslu fuq il-post indikat lilhom huwa spjega li kien intqal lilhom li l-glieda qeghda hdejn il-Havana pero’ huma kif telghu raw lil dan ir-ragel quddiem il-Burger King, jigifieri madwar 50 metru 'l fuq mill-post indikat lilhom. Mistoqsi jekk allura quddiem il-Burger King huwa tax ordni lil xi hadd biex jaghmel xi haga huwa spjega li huwa ta ordni lil Donald Bonnici sabiex jidhol fil-vettura tad-Distrett ghar-raguni li Steve Lefevre il-Franciz beda jallega

li Bonnici sawwtu. Ikkonferma li Donald Bonnici ikkopera ghall-ahhar.

Qal li fl-istess hin kienu hadu kedda ma’ dan il-Franciz ghaliex kien agitat hafna, issa jew bid-daqqiet jew forsi ghax kien qieghed b'xi *drink* jew forsi anke bl-ugiegh. Ikkonferma li hadu kedda mhux hazin mieghu ghax ma setghux jikkontrollawh, tant li f'xi hin ipprova jiggieled maghhom ghal darba, darbtejn.  Mistoqsi jekk marritx ambulanza fuq il-post gewwa Paceville biex tassistih spjega li waslet xi 5 jew 10 minuti wara fejn inzerta li wiehed tal-ambulanza rnexxielu jikkalmah naqra u beda jipprova jimmedikah. Pero’ spjega li damu xi ghaxar minuti jiggieldu mieghu biex jidhol fl-ambulanza.  Spjega illi l-imputat Donald Bonnici beda jurihom in-*knuckles,* cioe’ li ma kellux griehi u zied billi kkonferma illi kien hemm xi taqtir ta' demm fuq iz-zarbun u fuq il-qmis li kien liebes dan l-imputat Donald Bonnici. Qal li ra demm fuq il-qmis u fuq iz-zarbun ta’ Donald  ghalkemm rega’ sostna li griehi fuq idejn Donald ma kienx hemm.  Mistoqsi jekk fil-mument meta Bonnici kien quddiem il-Burger King kienx hemm xi hadd mieghu jew kienx wahdu spjega li mas-Sur Bonnici kien hemm zewg tfajliet ta' nazzjonalita' Rumena jew Bulgara ghalkemm stqarr li m'huwiex cert kienux qeghdin mieghu dak il-hin hu u tiela’ lejn in-naha tal-E Cabs. Mistoqsi  x’kienu raw meta telghu bil-karrozza tad-Distrett mill-Ghassa fid-direzzjoni lejn Burger King, spjega li kien ra lil Donald miexi u lil dan il-Franciz jippunta subajgh lejh u beda jghid li kien qed jipprova joqtlu ( b’referenza ghal Donald Bonnici).  Ried jippreciza li Donald Bonnici kien qieghed ezatt lejn il-pjazza, waqt li

l-iehor kien xi ghaxar metri ‘l boghod minnu lejn in-naha tat-taxis, jigifieri kien quddiemu.

Qal li eventwalment huma arrestaw lil Bonnici fuq l-allegazzjoni li kien ghamel il-Franciz. Mistoqsi jekk waqt li l-Franciz kien qieghed vicin tat-taxis, kienx hemm nies hdejn l-istand, wiegeb li jidhirlu li dak il-hin ma kienx hemm taxis ghaliex ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu bazikament ikun telaq kulhadd. Mistoqsi jekk dan il-Franciz kienx qalilhom li kien hallas xi erba’ mitt Ewro (€400) *drinks* biex dahal ma' dawn iz-zewg tfajliet wara l-hin tax-xoghol u jekk dan kellux riha ta' xorb fuqu jew xort’ ohra, x-xhud spjega li xi ftit jew wisq iva kellu riha ta' xorb pero ma kienx hemm dik l-esagerazzjoni bhalma gieli jidhlu gewwa l-Ghassa. Mistoqsi jekk pero’ fit-tmienja ta' filghodu xorta wahda xammlux riha ta' xorb huwa spjega li ftit jew wisq iva.

Illi nhar l-14 ta’ Ottubru, 2013 xehed **PC407 Kenneth Scicluna** u mistoqsi x'kien l-involviment tieghu f'dan il-kaz spjega li fl-1 ta' Ottubru 2013 ghall-habta tas-sebgha u kwart ircevew telefonata li kien hemm xi glieda quddiem il-Havana. Huwa flimkien ma' PC304 u s-Surgent 1540 telghu fuq il-post fejn quddiem il-Burger King raw persuna mimlija demm fuq wiccha u b'diversi daqqiet. Dan qalilhom li kien gie msawwat. F'dak il-hin ipponta lejn persuna certu Donald Bonnici u qalilhom li dan kien wiehed minn dawk li sawwtuh. Huwa gharaf lil Donald Bonnici gewwa l-Awla.

Meta dan il-Franciz qalilhom li dan kien wiehed minn dawk li sawwtuh, huma arrestawh u zammewh gol-karrozza sakemm waslet l-ambulanza ghal Steve Lefevre li kienet il-persuna li giet imsawwta. Sostna li hu u ghaddej Lefevre qal lil Bonnici *" I will I kill you".* Dan sar sakemm gew in-*nurses* u l-ambulanza u rnexxielhom jikkonvincu lil dan Steve Lefevre biex jidhol fl-ambulanza u jigi trattat medikament.

Zied jghid li aktar tard marru biex jiehdu l-versjoni ta' Steve Lefevre gewwa l-isptar u qalilhom li dik il-persuna li arrestaw kien sawwtu u li kien hemm tlieta ohra wkoll li sawwtuh. Meta staqsewh jekk jaghrafhomx, dan wegibhom li dak il-hin kien aktar mohhu biex jipprotegi wiccu milli jara min beda jsawwtu. Mistoqsi jekk kienx jaf xi haga dwa Marco Bonnici, stqarr li ma jaf xejn dwaru.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 xehed **PC304 Liam O'Neil** li rrakkonta li waqt li kienu l-ghassa ta' San Giljan, ghal xi s-sebgha u kwart u ircevew telefonata u marru hu, is-Surgent PS1540 u PC 407 fuq il-post gewwa Paceville fejn il-Burger King. Kif marru bil-vettura sabu certu persuna Steve Lefevre Franciz, wiccu kollu dmija, tant li ma jintaghrafx u beda jghajjat u jallega li s-Sur Donald Bonnici sawwtu. Mistoqsi jekk jaghrafx lil Donald Bonnici fl-Awla, x-xhud indika lill-imputa fil-bank tal-imputati. Zied jispjega li dan il-Franciz kien eccitat, zammewh kalm, cemplu l-ambulanza u sakemm giet l-ambulanza qaghdu mieghu. Lis-Sur Donald Bonnici zammewh gol-vettura u arrestawh u kif waslet l-ambulanza ghas-Sur Lefevre nizzluh l-Ghassa biex ikomplu fuq il-kaz.

Mistoqsi jekk huma f'xi hin hadux il-versjoni ta' Steve Lefevre spjega li kien hadha s-Surgent.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehdet **Warden 001 Mariella Cutajar** u spjegat li l-Agenzija tal-Gwardjani Lokali giet mitluba biex tipproduci filmat ta' Santa Rita Steps, Paceville dwar l-ewwel (1) ta' Ottubru, elfejn u tlettax (2013) ta' bejn il-hin tas-sitta u nofs ta' filghodu (6:30am) u s-sebgha u nofs ta' filghodu (7:30am). Esebiet dan il-filmat li l-Qorti immarkat bhala dokument S.

Illi nhar is-27 ta' Gunju, 2014 xehdet **Jacqueline Zerafa Sladden** u spjegat li hija SN. Mistoqsija jekk kienx hemm xi zmien meta ezaminat lil Steve Levreve spjegat li effettivitament dan sehh fl-ewwel (1) t'Ottubru, 2013. Spjegat illi huwa kien jinsab f'Paceville fi pjazza li tinsab quddiem il-Burger King.

Mistoqsija mill-Qorti jekk kienx mitluf minn sensih spjegat li le ma kienx, fil-fatt kellimha meta waslet fuq il-post, taf li kellu tbengila fuq l-ghajn tax-xellug, in-naha tal-lemin tal-wicc kellu ukoll tbengila, kellu tbengila fuq dahru fuq in-naha tax-xellug taz-zaqq, nefha fuq idejh tax-xellug u fil-fatt allega li fl-ebda hin ma ntilef minn sensih u li ma nesiex dak li kien gara.

Illi nhar is-27 ta' Gunju, 2014 xehed **Kurt Mahoney** u ddikjara li huwa kien gie nominat fl-Atti mimn din il-Qorti kif preseduta u dan

b'digriet taghha tas-sittax (16) ta' Mejju, 2014 u dana fil-kapacita' tieghu bhala espert fil-forensika.

Esebixxa r-relazzjoni tieghu maghmula ghall-fini tan-nomina tieghu, liema relazzjoni giet mmarkata bhala dokument KM. Irritorna wkoll ic-CD li huwa rtira minn dawn l-Atti. Ghadda kopja tar-relazzjoni tieghu kemm lill-Prosekuzzjoni kif ukoll lid-Difiza.

Illi nhar il-5 ta' Awwissu, 2014 xehdet **Lara Chetcuti** u spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' SN fl-Isptar Mater Dei u hija stazzjonata l-Emergenza. Spjegat li hija kienet harget fl-Ambulanza u marru fid-direzzjoni ta' San Giljan wara li kienu rcevew telefonata li kien hemm xi hadd midrub. Maghha kien hemm *nurse* ohra Jacqueline Zerafa Sladden. Qasmu Paceville propju hdejn il-Burger King. Dan kien filghodu kmieni. Sabu persuna maskili fuq saqajha li kien garrab xi griehi.

Mistoqsija mill-Qorti tispjega x'tip ta' griehi kienet rat spjegat illi llum il-gurnata ma tiftakarx. Spjegat illi fil-fatt huma kienu hadu lil dan il-pazjent maghhom l-Isptar Mater Dei. Tikkonferma wkoll li din il-persuna kellha nazzjonalita' barranija.

Tiftakar li dak iz-zmien meta hija harget bl-Ambulanza kienet ghadha *trainee*. Spjegat ukoll li l-pazjent in kwistjoni kien daqsxejn irrabjat u dana minhabba s-sitwazzjoni in generali.

Illi nhar il-5 ta' Awwissu, 2014 xehed **Dr Daniel Varnai** bil-lingwa Ingliza u spjega li qed jigi muri affidavit a fol. 131 tal-Process u kkonferma li dak huwa l-affidavit rilaxxjat minnu , bil-kaligrafija tieghu u l-firma tieghu u kkonferma l-kontenut tieghu. Ikkonferma li l-pazjent Steve Lefevre kien qed isofri minn '*multiple soft tissues of facial injury of the facial area, fracture of the right zygomatic bone, left sub conjunctival hematoma, multiple bruises abrasion on the back*' u '*soft tissue injuries of the upper limbs*' u dawn il-griehi huma gravi partikolarment minhabba ksur fiz-'*zygomatic bone*' tal-wicc.

Illi nhar il-5 ta' Awwissu, 2014 xehed **Paul Medina** u spjega li huwa kien jahdem fl-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Deja`vu gewwa Paceville u dana fl-ewwel (1) t'Ottubru, 2013. Dan l-istabbiliment jinsab triq *St. Julian's Road* u kien jahdem bhala *Security*.

Mistoqsi jekk jafx l-imputati odjerni spjega li jafhom. Donald u Marco Bonnici fil-fatt kienu l-imghallmin tieghu. Sa fejn jaf hu l-post Deja`vu huwa mikri ghand l-imputati.

Ftakar illi l-ewwel (1) t'Ottubru, tat-2013 bejn is-sitta u nofs (6:30) u s-sebgha u nofs (7:30) ta' filghodu kien inqala' ncident. Huwa kien qieghed bil-qeghda fid-*DJ Stand* u kienu qed jistennew sabiex johorgu l-ahhar ftit nies mill-istabbiliment taghhom. Jaf li nizlet persuna ta' nazzjonalita' barranija li kienet qed titkellem bil-lingwa Ingliza, u talbitu ammont ta' flus. Huwa hargu 'l barra bil-kwiet u din il-persuna regghet dahlet gewwa. Spjega li fil-fatt din il-persuna maskili kienet fis-sakra kif ukoll li kien aggressiv hafna maghhom. Qal li

pprova jgholli jdejh, u huwa flimkien mas-*Security* l-iehor Christopher Caruana li kien xoghol dakinhar, ipprovaw johorguh bil-kelma t-tajba u dan baqa' jaghmel sahha maghhom u huma kellhom juzaw is-sahha mieghu. Harguh barra u dan baqa' jilletika maghhom, waddbilhom il-bramel u gew fl-idejn. Stqarr li effettivament huwa ukoll tah xi daqqiet f'zaqqu, f'dahru u f'genbu u jista' jkun f'saqajh. Spjega illi siehbu Christopher Caruana tah ukoll xi daqqiet.

Zied jispjega li wara dan l-incident Marco Bonnici lilu ddegredah fis-sens li m'ghadux *Security* izda qieghed biss *Door Supervisor,* waqt li Christopher Caruana gie mkecci. Dan ghaliex huma ghamlu affarijiet li mhux suppost saru fil-*Club*.

Mistoqsi mill-Qorti jekk dakinhar Donald Bonnici u Marco Bonnici tawx xi daqqiet spjega illi le ma tawx anzi bdew ifferqu. Anzi spjega illi fil-fatt lilu ghamlu ghalih.

Gie muri l-faxxiklu esebit f'dawn l-atti a fol. 146 immarkat bhala Dok. KM, li huwa r-rapport ta' Kurt Mahoney u appuntu ghall-pagna tletin (30) ta' dan ir-rapport fejn jidher ragel immarkat bl-ittra 'W' u spjega illi m'huwiex f'posizzjoni li jaghrfu. Mistoqsi jekk jaghrafx xi persuni a fol. 31 tal-Process spjega li jista' jkun li l-persuna ndikata bl-ittra 'Y' huwa hu. Jista' jkun li l-vittma huwa ragel 'A'. Gie muri ritratt iehor a fol. 46 izda qal li m'gharaf lil hadd, izda qal li l-post huwa quddiem l-istabbiliment Deja`vu.

Dakinhar huwa kien liebes l-iswed, kemm il-qalziet kif ukoll il-qmis. Huwa fil-fatt itwal minn Christopher Caruana pero' jahseb li Caruana huwa usa minnu bhala statura.

Illi nhar il-5 ta' Awwissu, 2014 xehed l-**Ispettur Trevor Micallef** u spjega li jaghraf id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghall-parir legali mahruga minnu fl-ewwel (1) t'Ottubru, 2013 fil-konfront ta' Paul Medina, u fuqha jaghraf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Daryl Borg u ta' PC1346 u ta' l-istess Paul Medina. Gharaf ukoll l-Istqarrija rrilaxxata minn Paul Medina fl-istess jum l-ewwel (1) t'Ottubru, 2013 a fol. 8 tal-Process u spjega ukoll illi din l-Istqarrija giet irrilaxxata minn Paul Medina fil-presenza tieghu u ta' Daryl Borg wara li taw is-solita twissija.

Illi jinghad in primis li din il-Qorti mhix ser taghti kaz din l-istqarija stante li fil-kriminal ix-xhieda ghandhom jixhdu viva voce minkejja li originarjament kien ko-akkuzat. Ghalhekk jekk il-prosekuzzjoni hasset il-htiega li tisma' dan ix-xhud messha harrkitu tixhed u mhux tipprezenta l-istqarrija tieghu li minkejja li tikkostitwixxi xhieda mhix ammissibbli f'dawn il-proceduri.

L-Ispettur Trevor Micallef gharaf ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' Christopher Caruana a fol. 10 tal-Process, u fuqha gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Daryl Borg, WPC295 Christopher Chetcuti u ta' Christopher Caruana. Gharaf ukoll l-Istqarrija fol. 11 tal-Process datata l-ewwel (1) t'Ottubru, 2013 mahruga, rrilaxata minn Christopher Caruana. Spjega li dakinhar Christopher Caruana ghazel

li ma jiffirmax din l-Istqarrija. Fuqha gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik ta' Daryl Borg. Spjega illi qabel ma giet irrilaxxata din l-Istqarrija Christopher Caruana kien inghata s-solita twissija.

Hawnhekk ukoll il-Qorti tiddikjara li ser tiskarta l-istqarrija ta' Christopher Caruana u dan ghaliex fil-kawzi penali l-ahjar xhieda hija dik moghitja viva voce salv ghall-eccezzjonijiet provduti fil-ligi stess.

Ix-xhud kompla jixhed fejn gharaf id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-parir ta' Donald Bonnici a fol. 13 tal-Process, fejn gharaf il-firma tieghu, dik ta' Daryl Borg u tal-Ispettur Luke Bonello. Donald Bonnici ffirma din id-dikjarazzjoni.

Rigward Stqarrija ohra wkoll rrilaxxat l-ewwel (1) t'Ottubru, 2013 minn Donald Bonnici a fol. 14 tal-Process spjega illi fil-fatt din l-Istqarrija giet irrilaxxata fil-presenza tieghu u tal-Ispettur Daryl Borg, pero' Donald Bonnici ghazel li ma jiffirmax din l-Istqarrija.
Din l-istqarrija ser tigi injorata mill-Qorti stante li din m'ghandhiex valur fil-konfront tal-imputat stante li kien komplici.

Gharaf ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' Marco Bonnici, u fuqha gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Daryl Borg, WPC166 u Marco Bonnici a fol. 16 tal-Process. Gharaf ukoll l-Istqarrija rrilaxxata minn Marco Bonnici tal-ewwel (1) t'Ottubru, 2013, fol. 17 tal-Process u gharaf il-firma tieghu u dik ta' l-Ispettur Daryl Borg. Ikkonferma illi Marco Bonnici ghazel li jiffirma din l-Istqarrija kif ukoll illi Marco

Bonnici u Donald Bonnici huma l-imputati prezenti fuq il-bank tal-Qorti.

Illi nhar is-17 ta' Ottubru, 2014 xehed **Christopher Caruana** u spjega li huwa gie minn Mount Carmel akkumpanjat b'*nurse*. Ftakar li f'Ottubru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa kien jahdem gewwa stabbiliment Paceville u l-fond kien jismu Deja`vu. Hemmhekk kien jahdem bhala *security*. Gie muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol. 146 immarkat bhala dokument KM u appuntu saritlu referenza ghal zewg (2) ritratti esebiti fl-atti a fol. erbgha u ghoxrin (24). Huwa stqarr li ma jistax jaghraf min hu r-ragel muri f'dawn iz-zewg (2) ritratti. Qal ukoll li fil-fatt huwa ukoll kien ghadda proceduri konnessi ma' dan il-kaz, liema proceduri gew decizi. Muri fol. tletin (30) ta' dan ir-rapport u mistoqsi jekk jafx min hu dan ir-ragel a fol. 30 spjega li l-persuna bil-flokk abjad huwa l-imputat fuq in-naha tal-lemin tal-Qorti, Marco Bonnici, pero' jaf li kien qed iferraq. Qal li jekk m'huwiex sejjer zball l-imputati kienu qed iferrqu biex huma ma jiggildux. Stqarr li f'dan ir-ritratt huwa fil-fatt jidher li kien qed jixxuttja bniedem u kien hemm persuna ohra li kienet qed izzommu milli jixxuttja. Mistoqsi jekk jaghrafx il-persuna Z fuq ir-ritratt a fol. 42, qal li le. Lanqas ma jaf min hi l-persuna murija a fol. 43 liebsa qmis blu. A fol. 46 u 47 jidhru ragel A, X, Y. Z. Jekk m'huwiex sejjer zball Y hija l-persuna tieghu waqt li l-ohrajn ma jaghrafhomx.

Illi nhar is-17 ta' Ottubru, 2014 xehed l-**Ispettur Daryl Borg** u spjega li nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru, elfejn u tlettax (2013) gie nfurmat minn PS 1540 Edmond Fenech illi kien hemm persuna ta' nazzjonalita'

Franciza bl-isem ta' Steve Lefevre li kien ghadu kemm iddahhal l-isptar Mater Dei isofri minn xi griehi ta' natura gravi. Dan beda jallega illi kien gie msawwat minn erba' (4) persuni barra l-istabbiliment bl-isem ta' 'Click' li jinsab Paceville. Zied li giet mghoddija lilu kopja tal-filmati tas-CCTV ta' Triq San George ezatt faccata tal-istabbiliment 'Click' fejn irrizulta li l-agressuri kienu Donald Bonnici li ghandu numru tal-karta tal-identita' 571074(M), Marco Bonnici numru tal-karta tal-identita' 391780(M), Paul Medina numru tal-karta tal-identita' 3685(M) u Christopher Caruana li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 589583(M). Qal li dawn kienu kollha gew mitkellma minnu nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru, elfejn u tlettax (2013) fejn inghataw is-solitu twissija u d-dritt li jikkonsultaw ma' Avukat.

Ghar-rigward ta' Donald Bonnici d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-pariri legali qeghda a fol. tlettax (13) u fuqha jaghraf il-firma tieghu, il-firma ta' Donald Bonnici, il-firma tal-Ispettur Luke Bonello u l-firma tal-Ispettur Trevor Micallef. A fol. 14 u 15 hemm l-istqarrija ta' Donald Bonnici fejn gharaf il-firma tieghu u l-firma tal-Ispettur Trevor Micallef u fejn l-imputat Donald Bonnici kien ghazel li ma jiffirmax.

A fol. 16 hemm dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-parir legali ta' Marco Bonnici u fuqha gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' Marco Bonnici, il-firma ta' WPC 166 Claire Amato u l-firma tal-Ispettur Trevor Micallef. A fol. 17 u 18 hemm l-istqarrija tal-istess Marco Bonnici fejn gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' Marco Bonnici u l-firma tal-Ispettur Trevor Micallef. Esebixxa zewg (2) sentenzi fil-

konfront ta' Marco Bonnici mahrugin mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke li gew immarkati bhala Dok. DC u DC 1.

Illi nhar it-28 ta’ Novembru, 2014 xehdet **WPC30 Connie Apap** u spjegat li hija fil-fatt ghamlet ricerka fuq Donald Bonnici karta tal-identita' numru 571074(M) kif ukoll fuq Marco Bonnici 391780(M) u dan sabiex tara jekk ghandhomx licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija bhala Agenzija. Spjegat li din irrizultat fin-negattiv u dana relatat ghad-data l-ewwel (1) ta' Ottubru, 2013. Mistoqsija jekk hija ghamlitx xi verifika dwar Paul Medina karta tal-identita' 3685(M) u Christopher Caruana 589583(M) spjegat li Paul Medina ma kellux permess ta' gwardjan privat u dana dejjem dwar l-ewwel (1) ta' Ottubru, 2013, filwaqt li Christopher Caruana kellu l-licenzja li llum il-gurnata skadiet li bdiet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar, 2013 li kellha effett sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 2014 u dana sabiex jahdem bhala gwardjan privat.

Illi nhar it-3 ta’ Settembru, 2015 xehed bil-lingwa Ingliza **Steve Herve’ Claude Lefevre** u spjega li huwa jiftakar li f’Ottubru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa kien qed jahdem ma’ kumpanija tal-*cruise liner* bl-isem ta’ Carnival. Il-vapur kien Malta matul il-lejl. Dak iz-zmien huwa kien jahdem bhala *supervisor* tal-*casino* abbord il-vapur. Jiftakar li fl-ewwel (1) jew it-tnejn (2) t’Ottubru, 2013 il-*cruise liner* Carnival kien ghamel lejl Malta u dan ifisser li l-casino jkun maghluq u ghalhekk huma jkunu liberi minn dmirijiethom u setghu jinzlu minn fuq il-vapur. Huwa spjega li jaf li meta jkunu ser joqoghdu mal-lejl f'Malta jkun ifisser li jkollhom gurnata franka u ghalhekk ilkoll

jippruvaw jinzlu minn fuq il-vapur. Huwa jiftakar li f'dak il-lejl in partikulari huwa flimkien ma' xi hbieb marru f'xi *bars* u restoranti li hemm madwar il-bacir fejn kienu trakkaw. Wara ftit sieghat iddecidew li jmorru go klabb li huwa klabb taz-zfin fl-inhawi maghrufa bhala San Giljan. Huwa spjega li kienu xi erba' (4) jew hames (5) min-nies fil-grupp, kollha membri tal-ekwipagg. Huwa qatta' ftit tal-hin go dan il-klabb. Huma ma kielux gewwa dan il-klabb taz-zfin pero' probabbilment hadu xi xarbiet. Wara ftit sieghat huwa ddecieda li jmur f'dan il-*gentlemen's club* li m'huwiex il-boghod minn dan il-klabb taz-zfin fejn kienu huma. Go dan il-*gentlemen's club* huwa mar wahdu. Jekk jiftakar tajjeb kienu xi t-tlieta (3:00) jew l-erbgha (4:00) ta' filghodu, ghalkemm dan ma jistax jikkonfermah.

Huwa kkonferma li ha xi zewg xarbiet, ghalkemm kien ghadu fi stat tajjeb u nfatti ghalhekk ddecieda li jmur gol-*gentlemen's club* ghaliex kien qed ihossu tajjeb. Huwa spjega li ghandu dhul ta' madwar hmistax (15) jew sittax (16)-il mitt Dollaru Amerikan ($1600) fix-xahar.

Huwa mar f'dan il-klabb u kien qed ifittex biex jara xi forma ta' *pole dancing* diment li kien *gentlemen's club*. Huwa jiftakar li kien go kamra ma' zewg nisa. Huwa kien qed jistenna xi forma ta' *lap dancing* jew *pole dancing* fil-privat. Huwa jiftakar li ha xi xorb minn dan il-klabb ukoll. Mistoqsi x'kien l-ilbies huwa spjega li lkoll kienu liebsin kemm hu u kemm it-tfajliet. Huwa spjega li ma jiftakarx x'kienet il-konversazzjoni ta' bejniethom bl-ezatt ghalkemm kienu qed jitkellmu.

Huwa jiftakar li beda jinnegozja l-prezz ta' *lap dance* privata u jiftakar li kienu qed jitkellmu jew jiddiskutu dwar il-prezz, possibbilment ta' tlett mitt ewro (€300) u huwa fehem li kien ser ihallas tlett mitt Dollar ($300) ghaz-zewg tfajliet biex jizfnu din il-*lap dance* ghaliex id-diskussjoni kienet maghhom it-tnejn. Dak kien l-uniku hin li huma ddiskutew il-flus. Fil-fatt huwa tahom il-*credit card u* jiftakar li huwa hallas bil-*credit card* permezz ta'*code* u huwa jiftakar li hallas bl-uzu ta' magna. Huwa haseb li kien qed ihallas tlett mitt Dollaru ($300) u beda jistenna xi zfin privat f'din il-kamra bhal *pole dancing* jew *lap dancing*. Wara ftit tal-hin iz-zewg tfajliet telqu. Huwa jiftakar li forsi ma damux iktar min-nofs siegha ghalkemm dwar il-hin m'huwiex mija fil-mija cert.

Ghalhekk ried spjegazzjoni ghaliex ma damux izjed meta huwa kien hallas tlett mitt ewro (€300). Hareg minn din il-kamra u beda jfittex lil xi hadd fil-*basement* li seta' jaghtih spjegazzjoni. Ra lil xi hadd li kien jidher li kien parti mill-amministrazzjoni u mar biex ikellmu. Jiftakar li fetah idejh biex jiggestikola u jitkellem, sabiex jistaqsi x'kien qed jigri. Madanakollu qabel ma din il-persuna wegbitu huwa qala' daqqa ta' ponn fuq in-naha tal-lemin ta' genbejh**.** Huwa pero' ma jiftakarx minn sawwtu.

B'referenza ghall-imputat Marco Bonnici, x-xhud qal li ma jiftakrux. Jahseb li mbaghad qala' iktar daqqiet ta' ponn. Qal li jahseb ghax ma jiftakarx kif spicca barra mill-klabb. Wara din id-daqqa ta' ponn kull ma jiftakar huwa li sab ruhu barra l-klabb. Huwa jiftakar li meta

mbaghad kien barra, fl-entratura, ghal darb'ohra rega' qala' daqqa ta' ponn, ghalkemm ma jiftakarx min tahielu. Madanakollu din id-darba jiftakar li kien hemm iktar minn persuna wahda. Fl-opinjoni tieghu kien hemm tnejn (2) jew tlett (3) persuni nvoluti. Huwa kien irrabjat hafna ghaliex fl-opinjoni tieghu huwa kien qed jigi msawwat minn persuni ghalxejn ghax kull ma ried kienet spjegazzjoni, imma ghal darb'ohra rega' gie msawwat. Id-daqqiet ta' ponn li qala' kienu fuq il-wicc. Beda jipprova jipprotegi lilu nnifsu, madanakollu peress li kien hemm tlieta (3) jew erbgha (4) aggressuri ma kienx facli ghalih li jahrab. Minn dak il-hin huwa pprova iktar jipprotegi lilu nnifsu ghaliex l-aggressjoni zdiedet. Huwa pprova jpoggi jdejh it-tnejn fuq iz-zewg (2) nahat ta' rasu biex jipprotegi rasu spicca mal-art. Waqt li kien mal-art huwa nghata diversi daqqiet bis-sieq.

Huwa kkonferma li ta daqqa ta' ponn lil wiehed mill-irgiel, pero' meta ghamel hekk dik il-persuna saret aktar aggressiva. Meta kien mal-art, bdew ituh kollha f'daqqa u pprova jipprotegi lilu nnifsu mill-ahjar li seta'. Dak il-lejl fil-lukanda, hu ha xi ritratti tal-griehi li garrab fil-glieda. Esebixxa dawn ir-ritratti li qeghdin go *envelope* u gew immarkati komplessivament bhala dokument SF.

Huwa jiftakar li meta waqfet il-glieda huwa telaq jimxi fit-triq u ltaqa' ma' zewg (2) Pulizija. Hwejjgu kienu kollha mxarbin u l-qmis kienet imqatta' u kollha demm. Il-qalziet ukoll kien bid-demm u mxarrab. Huwa spjega lill-Pulizija li kien ghadu kif gie msawwat fil-klabb u li kien gharaf wiehed mill-irgiel li kienu nvoluti. Waqt li kien qed jixhed izda ma setax jikkonferma jekk il-persuna li gharaf fil-fatt huwiex l-

akkuzat prezenti fil-Qorti. Huwa spjega li jekk jiftakar tajjeb il-persuna kienet ta' tul medju pero' ammetta li ma jiftakarx il-fattizzi.

Huwa jiftakar li l-Pulizija kienu arrestaw lill-persuna mmedjatament u pprocedew biex dahhluh gol-karozza tal-Pulizija. Kienu anke sejhu l-ambulanza li hadet lilu l-isptar Mater Dei. Zied li jiftakar li qal lill-Pulizija li ried li jinhargu akkuzi fil-konfront ta' dik il-persuna. Jiftakar li gie ezaminat minn tabib u infermiera u li xi siegha jew saghtejn wara mar Pulizija u nterrogah.

Esebixxa dokumenti li nghatawlu mill-isptar Mater Dei li gew immarkati komplessivament bhala dokument SF1. Dawn huma relatati mal-incident in kwistjoni. Mistoqsi jekk jiftakarx x'qal lill-Pulizija, huwa spjega li l-Pulizija kien staqsih bhala l-ewwel mistoqsija jekk kienx qed jixrob u dan qabel ma staqsih jekk kienx qed ihossu tajjeb. Fil-fatt kien irrabjat fuq din ghaliex haseb li ma kienx il-mod kif isiru l-mistoqsijiet.

L-avukat tieghu ghadu kif qara r-rapport tal-Pulizija esebit fl-atti ta' dawn il-proceduri partikolarment fol. 62 u spjega li dak li nqralu m'huwiex korrett. Huwa spjega li kollox sehh fil-klabb, huwa qatt ma halla l-klabb u qatt ma nnegozja biex jiltaqa' mat-tfajliet wara li jaghlaq il-klabb u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jerga' jmur fil-klabb u jistaqsi ghal xi haga. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk ghamilx xi rapport iehor minbarra dak li ghamel mal-Pulizija lokali huwa spjega li iva, fil-fatt ghamel rapport mal-Pulizija Franciza meta mar lura

f'pajjizu. Esebixxa kopja ta' dak l-istess rapport li gie mmarkat bhala dokument SF2.

Qal li l-vapur tieghu kien se jitlaq fil-hamsa (5:00) ta' wara nofsinhar, u li huwa kien telaq mill-isptar ghal xi t-tlieta u nofs (3:30) b'*taxi* fejn kien talab lix-xufiera sabiex tiehdu ghall-vapur. Jiftakar li ma kellux flus kontanti fuqu f'dak il-hin u staqsa lix-xufiera tat-*taxi* jekk taccettax *credit card*. Hija spjegatlu li ma kinitx se taccetta l-*credit card* pero' qablet li twaqqfu fejn magna tal-ATM qrib l-isptar u pprova jigbed il-flus imma l-*card* kienet imblokkata. Allura li marru lura lejn il-vapur tieghu u talab lil wiehed mill-hbieb tieghu biex ihallaslu t-*taxi*. Huwa kellu jmur ghand l-Ufficjali tas-Sigurta' abbord meta tela' fuq il-vapur. Spjega li ghadu liebes il-hwejjeg tal-isptar. Dawk staqsewh x'gara, u cemplu d-Dipartiment Mediku tal-vapur u lill-kaptan li ddecieda li ma jhallih fuq il-vapur ghaliex qal li ma kienx tajjeb ghax-xoghol u ghalhekk huwa ma telaqx mal-vapur. Huma bbukjawlu kamra go lukanda u mbaghad telaq lejn Franza l-ghada.

Huwa esebixxa l-istatement tal-*credit card* li giet immarkata bhala dokument SF3. Il-bank kienu nfurmawh li mblokkawlu l-*card* ghaliex kien hemm infieq irregolari fejn saru erba' (4) transazzjonijiet fejn intefqu tlett mitt ewro (€300) kull darba kollha fl-istess klabb. Naturalment, la huwa kien qabel li jhallas tlett mitt ewro (€300) darba, l-ewwel transazzjoni hija normali, pero' ma setax jifhem il-ghala l-istess klabb ha wkoll tlett (3) pagamenti ohra ta' tlett mitt ewro (€300)-il wiehed u ghalhekk haseb li grat xi haga bil-*credit card*

tieghu. Huwa ma setghax jaghti spjegazzjoni l-ghala gie ccargjat erba' (4) darbiet ghall-istess pagament.

Huwa spjega li dam erba' (4) xhur biex rega' mar jahdem fuq il-vapur ghaliex sakemm fieq ha ftit taz-zmien u l-assenjazzjoni li kien imiss kienet fil-bidu ta' Frar, 2014. B'kollox il-feriti hadu perjodu ta' xahar biex ifiequ. Sostna li llum huwa jinstab tajjeb apparti minn xi ftit problemi f'ghajnejh ghaliex ghadu ma marx ghand specjalista tal-ghajnejn.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami mistoqsi jekk l-aggressuri tieghu kinux lebsin iswed spjega li ma jiftakarx imma kien zgur li wiehed minnhom kellu *t-shirt* abjad. Huwa jaf li wiehed mill-agressuri tieghu kien intbaghat il-habs filwaqt li l-iehor ma kienx intbaghat il-habs. Jista' jkun li nghata sentenza sospiza. Il-Qorti indikatlu lil Paul Medina u sostna li ma jiftakrux nonostante li d-Difiza nformatu li dan kien inghata sentenza sospiza fir-rigward tal-offiza kontrih. Ix-xhud qal li ma jiftakarx lill-persuna li sawwtuh. Huwa gie muri d-dokument KM esebit a fol. 146 ta' dawn l-atti partikolarment fol. 38 u 39 u kkonferma li l-persuna li qabad il-barmil u eventwalment iwaddab il-barmil bl-ilma, huwa hu stess. Mistoqsi jekk jiftakarx lil xi persuna twaddab barmil fid-direzzjoni tieghu, stqarr li ma jiftakarx u zied li ma jiftakar xejn rigward xi barmil. Insista li l-persuna li huwa kien indika lill-Pulizija u sussegwentement giet arrestata kien wiehed mill-persuni li sawwtuh. Qal li jekk jiftakar tajjeb huwa gie msawwat barra.

Kompla jghid li l-Bank kien ikkonfermalu li t-transazzjoni kienet saret erba' (4) darbiet, izda jzid li huwa jiftakar li l-*code* dahhlu darba darba, minkejja l-fatt li kien hemm erba' (4) transazzjonijiet. Qal ukoll li talab lill-Bank biex jirrifondilu t-tlett (3) pagamenti l-ohra imma l-Bank ma hallsux. Huma spjegawlu li ma kinux se jhallsuh lura ghaliex kienet transazzjoni internazzjonali. Zied jghid li hu kien nizel minn fuq il-vapur xi s-sebgha u nofs (7:30) ta' filghaxija tal-istess gurnata, kien kiel go restorant hdejn il-vapur, pero' huwa ma jiftakarx x'kien kiel. Qal li probabilment kien xorob xi tlieta (3) jew erba' (4) birra. Imbaghad zied li jiftakar li kien ha tlieta (3) jew erbgha (4) birra mill-Water Front qabel ma mar il-klabb u iktar tard fil-klabb ha birra ohra. M'huwiex cert jekk waqt li kien Mater Dei hadulux xi test tossikologiku.

Sahaq li ma kienx fis-sakra meta staqsa ghall-ispjegazzjoni gewwa l-klabb imma ma jiftakarx jekk kienx inghata l-ispjegazzjoni li xtaq dwar il-hin li qatta' mal-mara. Pero' jaf li l-persuna li hu ndika lill-Pulizija ma kinitx il-persuna li hu kien staqsa ghall-ispjegazzjoni, izda zied li din kienet il-persuna li tatu bil-ponn meta kien barra. Rigward il-persuna li tatu bil-ponn meta kien ghadu gewwa, x-xhud qal li ma jiftakarx din x'kienet liebsa. Qal li gol-klabb huwa inghata tlett (3) daqqiet ta' ponn. Spjega li ma jiftakarx kif wasal barra mill-klabb. Iddikjara li kellu ksur f'wahda mill-kustilji. Huwa ma jiftakarx li mar lura fl-ebda hin ladarba kien barra mill-klabb. Qal li huwa kien imkaxkar. Huwa kkonferma, wara li ra l-istills esebiti fir-rapport KM, li dawn jirreferu ghall-incident in kwistjoni.

Fis-6 ta' Ottubru, 2015 xehed **Dr. Adrian Agius** li kien gie nominat minn din il-Qorti fil-kapacita' tieghu bhala espert ENT. Hu esebixxa r-relazzjoni tieghu wara li ghamel ezami mediku fuq il-persuna ta' Steve Lefevre. L-espert ikkonkluda billi qal illi funzjonalment Lefevre ma kellu l-ebda problema ta' ENT, pero' kellu problema kosemtika fis-sens illi l-ghadam ta' mniehru kienu mwessghin. Skont l-Eveluation of Permanent Disability Amerikan huwa ghandu disabilita' permanenti kosmetika ta' sitta fil-mija (6%). Ikkonferma li llum il-gurnata huwa specjalist fl-ENT kif ukoll kirurgu. Ir-rapport tieghu gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument AA.

Illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2016, il-Qorti qrat l-Artikoli li ntbaghtu mill-Avukat Generali fl-14 ta' Novembru 2014 (fol. 175) u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita. (fol. 233).

Illi fil-15 ta' Settembru 2016 xehed l-imputat **Donald Bonnici** minn jeddu b'mod volontarju. Dan beda billi qal illi nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru 2013 kien hiereg mill-istabbiliment maghruf bhala Déjà Vu ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (6:30am). Effettivament l-istabbiliment kien maghluq pero' hu kien ghadu hemm, kienu qeghdin jghoddu l-*cashes* u hu kien hiereg barra biex jixtri *hot-dog* u ghalhekk kien niezel Santa Rita Steps. Waqt li kien hemm jaf li kien hemm konfuzjoni ftit iktar 'l isfel mill-Clique quddiem l-istabbiliment maghruf bhala Steam u meta ra din il-konfuzjoni mar iferraq bla ma kien jaf min qed jiggieled. Ra li kien hemm wiehed b'wiccu kollu demm u hu beda jressqu lura u jghidlu '*please go home'* filwaqt li

beda jdur lejn l-ohrajn u jghidulhom biex ihalluh. Ikkonferma li dak li kien wiccu bid-demm, effettivament huwa l-vittma li tela' jixhed f'dawn il-proceduri Steve Lefevre. Zied li naturalment una volta ra persuna wiccha bid-demm ma hassx li kellu jhallihom ikomplu jtuh, ghalkemm il-pulizija kien qallu biex darb'ohra ma jferraqx imma jcempel lilhom. Tenna li hass li kellu jintervjeni. Iddikjara li n-nies li kienu qeghdin jaghtu lil dan il-barrani kienu Christopher Caruana u Paul Medina, li effettivament kienu gew arrestati mieghu. Qal li dawn mill-ewwel ammettew il-partecipazzjoni taghhom u cioe' li kienu sawwtu lil din il-persuna u fil-fatt kienu wkoll qalu li huwa w huh kulma ghamlu kien biss li ferrqu.

Zied jirrakkonta li dak il-hin kien hemm il-cleaners qed inaddfu barra u l-barrani qabad barmil ilma jew tnejn (2) u tefaghhomlu minn fuq, pero' cio' nonostante hu baqa' jghidlu '*please go, please go'*. Baqa' jitolbu biex imur id-dar sabiex l-ohrajn ma jkomplux ituh. Qal ukoll li fil-fatt dar lejn Chris Caruana w dak il-hin waqqf u, qallu biex jitlaq u ma jigix iktar 'l hemm.

Kompla jghid li effettivament din il-persuna kienet fis-sakra mejta, u ried ihebb ghalih u huwa anke waqa' ghaliex dan waqa' fuqu w hu bil-piz tieghu zelaq u fil-fatt instabu xi tracci zghar ta' demm fuq il-hwejjeg tieghu minkejja li f'idu w hekk ma kellux dmija. Il-barrani, fil-fatt fil-prezenza tal-pulizija beda jghid '*I kill you I kill you'* u dan wara li pprova jsalvah. Iddikjara li jdejh kienu nodfa tazza w li fl-ebda hin ma mess lil din il-persuna. Inzerta li dak il-hin kienu gejjin il-pulizija bil-karozza hdejn il-Burger King u l-barrani ghamel xenata

u ghalhekk lilu arrestawh. Inoltre dakinhar stess il-barrani spicca jiggieled ukoll ma' wiehed iswed u dan jidher ukoll fir-ritratti esebiti. Qal li fuq il-post meta marru l-pulizija kien ghad fadal hu biss ghaliex kien qed jistenna t-tfajla biex jitla' maghha u sakemm waslu l-pulizija Christopher Caruana u Paul Medina kienu diga' telqu minn fuq il-post u allura hu baqa' fit-triq wahdu. Ftakar li kien irrilaxxa stqarrija lill-Ispettur Trevor Micallef u l-Ispettur Daryl Borg.

Ikkonferma li fl-ebda hin ma ta xi daqqa lil dan il-barrani. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex lill-pulizija kien wegibha li ma jafx min effettivament ta daqqiet lil dan il-barrani, wiegeb li dak il-hin ma kienx jaf u li sar jaf wara. Qal ukoll li filfatt hu kien jahdem mal-istabbiliment Déjà Vu, Clique u Monte Carlo, pero' dak il-gurnata tal-incident kien *off*. Zied li kien anke qal lil huh sabiex lil Christopher Caruana ma jhalluhx jidhol hemmehkk. Spjega li Christopher Caruana kien jahdem bhala *helper* mal-kumpanija Clique Limited u fil-fatt kienu jissellfuh minghand il-Clique Limited u jahdem Déjà Vu.

Spejga illi unavolta l-barrani aggredih, qabdu minn ghonqu u zelqu,w allura ma jistax ikun li hu tah bis-sieq, ghalkemm imbaghad zied li effettivament seta' kien il-kaz li ddefenda ruhu meta waqa' mal-art, u meta qabdu minn ghonqu, izda fl-ebda hin ma tah bis-sieq. Qal li hu kien jimpjega biss *helpers* u *bar staff* waqt li dwar il-*cleaning* u *security* hemm zewg (2) kumpaniji separati. Esebixxa hames (5) dokumenti li huma *cheque images*. Dawn gew immarkati komplessivament bhala dokument JB. Spjega li dawn huma ndirizzati lil Care Work Securities u huma hlasijiet li huma jaghmlu ghas-

servizz ta' *security*. Il-pagamenti jsiru b'lura, kull tliet (3) xhur wara li jircievu l-invoice.

Kompla jghid li hu sar jaf lil Paul Medina dakinhar stess ghalkemm lil Chris Caruana kien jafu qabel. Huwa juza s-*security companies* ghax jekk ikun hemm xi hadd *sick* ma jkollux lil min iqieghed floku, waqt li fil-kaz tal-*barmen* jekk ikun hemm xi hadd nieqes ikun hemm haddiehor li jista' jahdem flokhom. Gie muri r-rapport rilaxxjat mill-Espert Tekniku Kurt Mahoney appuntu r-ritratt esebit fl-atti a fol. 54 immarkat bhala tabella 2.90 u qal illi l-persuna indikata bhala ragel 'Z' hija l-persuna tieghu u li jidher ukoll fir-ritratt 2.89 bhala ragel 'Z', cioe' dik il-persuna miexja fit-triq.

Zied jghid li r-ragel 'A' indikat fir-ritratt tabella 2.69 a fol. 44 huwa l-barrani u dan jidher ukoll fir-ritratt 2.70 fejn hemm l-ittra 'X'. Il-persuna tieghu (tax-xhud) ukoll tinsab f'dawn iz-zewg (2) ritratti immarkat bl-ittra 'O'. Fir-ritratt 2.71 a fol. 45 jidher il-barmil li kien twaddab lilu mill-persuna barranija, anzi effettivament kienu zewgt (2) ibramel li huwa tefa' fid-direzzjoni tieghu. Il-persuna bl-ittra 'Z' hija l-persuna tieghu. Irrakkonta li wara li waddablu l-ilma, hu kien nizel lejh u beda jghidlu 'go home'. Kien dak il-hin li hebb ghalih u waqa' fuqu. Effettivament fir-ritratt fil-parti t'isfel ta' fol. 47 hu jidher mal-art u dana kien x'hin il-barrani qabad mieghu.

Rigward ir-ritratti a fol. 48 huwa meta l-barrani kien qed jaqla' bis-sieq filwaqt li hu kien qed jipprova jqum minn mal-art. L-iehor kien qed jaqla' daqqiet bis-sieq minghand 'X' u 'Y' u fil-fatt kemm

Medina kif ukoll Cassar ammettew li bdew ituh bis-sieq. L-imputat qal li wara dan l-incident kien bihsiebu jmur jiekol l-iSteam Bar u flok ma xtara *hot-dog* cempel lil din it-tfajla w qalilha biex imorru jieklu. Cemplilha wara li kien sehh dan l-incident. Ma kienx hu li baghat lil Medina u lil Cassar id-dar. Sahaq li kull ma ghamel hu kien biex inwaqqafhom. Kien sar jaf min huma l-ghada filghodu. Beda jghid lil min kien qed jagredixxi lil dan il-barrani biex jieqfu milli jaghtu, pero' min kienu ma jafx.

Hu sahaq li ma qalilhomx biex imorru d-dar, izda biex ihalluh. Fil-klabb kien ilu saghtejn (2) tlett (3) sieghat zgur u fl-ebda hin ma ra glied gewwa l-bar. Waqt li kien gewwa kien fuq is-sufan li jinsab faccata tal-bar u ma ra l-ebda glied. Huwa gie muri r-ritratti esebiti a fol. tletin (30) tal-istess dokument ta' Kurt Mahoney 'KM' u qal illi r-ragel 'W' huwa huh, il-ko akkuzat u r-ragel 'A' huwa l-vittma. Ir-ragel 'A' spicca mal-art ghaliex kien qed jiggieled ma' 'W' u mal-'Y' izda hu dak il-hin kien ghadu ma harigx. Il-persuna bil-qmis bajda li mmarka prezenzjalment bl-ittra 'O' hija l-persuna tieghu u jidher niezel lejn il-vittma biex jghidlu biex jitlaq 'l hemm u effettivament meta kont niezel biex ikellmu 'X' u 'Y' marru jigru warajh.

Fir-ritratt a fol. 47 jidher hu meta mar ikellem lil dan il-barrani li mbaghad qabad mieghu u waqqghu mal-art u ghalhekk zelaq bl-ilma ghaliex il-barrani ma ried jitilqu b'xejn. Meta waqqghu mal-art ra lil 'Z' u 'Y' ituh bis-sieq. Dak il-hin ma deherlux li kellu jcempel ghall-assistenza izda hass li kellu jidhol u jferraq. Dan kollu sehh kwistjoni ta' minuti, mhux kwistjoni ta' siegha glied. Fir-ritratti a fol. 47 jidher

hu meta mar ikellmu. Hu fl-ebda hin ma qal lill-'X', 'Y', 'Z' biex jinzlu, u lil 'X' u l-'Y' qalilhom biex jitilqu l'hemm. Fl-ebda hin ma huwa ta daqqa ta' ponn lill-vittma.

Donald Bonici kien ukoll irrilaxja stqarrija nhar l-1 ta Ottubru 2013 (fol. 14). Jghid li dakinhar stess aktar kmieni huwa kien sejjer jixtri xi haga x'jiekol meta ra gegwigija ta' nies u hass li kellu jimbotta lill-barrani li kien f'nofs glieda. Jghid li dak il-hin il-barani kellu wiccu bid-demm. Cahad li fil-fatt kien ikkawzalu xi griehi jew li kien hebb ghalih. Qal li fil-fatt kien il-barrani li hebb ghalih u anke waqqghu u kkonferma li seta' ta daqqa ta' sieq lil dan il-barrani sabiex jiddefendi lilu nnifsu.

L-imputat Marco Bonnici xehed f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt u dan nhar is-6 ta Dicembru 2016 fejn qal li waqt li huh, il-ko-akkuzat Donald Bonnici kien qed jixhed huwa kien prezenti fl-Awla u zied jghid li fir-rigward tas-*security* huwa ma jimpjegax nies izda kumpanija maghrufa bhala Kerber Securities u hija din il-kumpanija li ggiblu haddiema f'dan il-qasam. Ghamel referenza ghac-*cheque images* li jinsabu esebiti fl-atti markati bhala dok JB u qal li fuq dawk ic-*cheque images* hemm il-firma tieghu u qal li kull xahar johrog cekk sabiex ihallas lil din is-socjeta' ghas-servizz li jkun inghatalhom. Is-*securites* li jkollu ghalhekk mhumiex impjegati tieghu izda ta' Kerber Securites Limited.

Illi apparti din ix-xhieda pero' jinghad li Marco Bonnici rrilaxxja wkoll stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 17 u dan dakinhar stess tal-

incident ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (13:58). Qal li dak il-lejl kien xoghol gewwa Paceville fejn jahdem bhala Manager fil-fond maghruf bhala Deja' Vu. Qal li waqt li kien qed jghodd il-*cash* sema' ghajjat gej minn barra, hareg u ra lil Paul Medina u lil Chris Caruana jferrqu li xi nies. Jghid li lill-ko-akkuzat huh Donald rah hiereg minn hemmhekk biex iferraq ukoll. Cahad li f'xi mument huwa hebb ghal din il-persuna barranija ma' terzi persuni, pero' jghid li huwa kaxkar lil din il-pesuna ghal divesi metri u dan sabiex iferraq il-glieda. Mistoqsi jekk setax kien il-kaz li gibed lil din il-persuna minn saqajh sabiex Paul u Chris ma jkomplux ituh, hghid li mhux minnu. Qal li apparti Paul u Chris kien hemm nies ohra involuti fl-incident. Mistoqsi jekk l-incident bediex gewwa l-istabiliment Deja' Vu jghid li ma jidihirlux. Jghid li meta spicca l-argument kulhadd mar id-dar salv Donald Bonnici.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016 meta awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza hemm esebiti *statements* ta' nies ohra apparti dawk tal-imputati u din il-Qorti mhix ser taghti kaz taghhom stante li ma jikkostittwux prova fil-konfront tal-imputati odjerni u hija x-xhieda li rrilaxxjaw Paul Medina u Chris Caruana *viva voce* li ser tinghata importanza, waqt li l-i*statements* minnhom rilaxxjati u esebiti fil-process ser jigu skarati *in toto*.

Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti, u dan m'huwiex in kontestazzjoni:-

Li fl-1 ta' Ottubru 2014 fis-sieghat bikrin ta' filghodu Steve Lefevre, persuna ta' nazzjonalita' Franciza kien gie aggredit u sofra feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu, u dan wara li kien ghamel xi hin gewwa l-fond Deja' Vu u spicca barra fit-triq jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' numru ta' persuni, kif muri fir-ritratti mehuda mill-istills tal-muntagg tas-CCTV. Jidher li fost in-nies li kien hemm fl-akwati kien hemm ukoll l-imputati odjerni l-ahwa Marco u Donald Bonnici, kif ukoll iz-zewg ko-akkuzati l-ohra Paul Medina u Chris Caruna li diga' rregistraw ammissjoni ghall-partecipazzjoni taghhom f'dawn l-akkuzi odjerni. Jinghad ukoll li f'dawn il-proceduri Steve Lefevre ma gharafx lill-imputati odjerni bhala l-persuni li allegatament hebbew ghalih, pero' jghid li kien iktar mohhu li jiddefendi lilu nnifsu u jpoggi jdejh quddiem wiccu biex jilqa' d-daqqiet, pero' lill-imputati ma gharafhomx. Jghid li waqt li kien gewwa Paceville kien ippunta lejn wiehed mill-aggressuri tieghu u indikah lill-pulizija li inzerta fuq il-post dak l-istess hin. Illi lanqas lit-tnejn min-nies li rregistraw ammissjoni talli hebbew ghalih u cioe' lil Paul Medina u Chris Caruna, ma gharaf bhal l-aggressuri tieghu.

Mhux kontestat lanqas li efettivament Steve Levre spicca b'feriti f'wiccu u b'disabilita' permanenti kif deskritt minn Dr. Adrian Agius Konsulent tal-ENT.

Jinghad li l-kontestazzjoni hija limitata biss dwar jekk effettivament l-imputati odjerni l-ahwa Bonnici kinux ukoll komplici f'din il-glieda. L-imputati, li mhumiex obbligati li jixhdu u jinkriminaw ruhhom, xehdu u spjegaw il-fatti kif maghrufa minnhom u sa certu punt korroborati mill-istills esebiti fl-atti. Jinghad li Donald Bonnici kien qieghed Pacevillie ghaddej hdejn Burger King ghaliex kien sejjer jixtri x'jiekol, meta fil-hin ra incident isehh u nies imdawrin mal-barrani li xehed f'dawn il-proceduri u kien hemm tgegwigija shiha tant li hass il-htiega li jintervjeni sabiex iferraq ghaliex ma felahx jara lill-barrani jaqla' akar daqqiet. Jghid li fil-fatt il-barrani kien aggressiv hafna, u dan filfatt hu korroborat mill-ufficcjali tal-pulizija li qalu x'kedda kien tahom. Qal li gibdu minn saqajh sabiex johorgu mill-glieda u dan waqa' u gibdu mieghu. Jghid li kellu riha ta' xorb u fil-fatt Lefevre jammetti li dakinhar kien xorob mhux hazin. In-*nurses* li waslu bl-ambulanza wkoll ikkonfermaw li l-barrani kien aggressiv u ma riedx jikkopera maghhom sabiex jirkeb fl-ambulanza u jmur l-isptar.

Paul Medina u Chris Caruana li kienu prezenti waqt l-incident, rregistraw ammissjoni dwar dawn l-akkuzi u dan ghaliex jghidu li kienu huma flimkien ma' terzi li hebbew ghal dan il-barrani u fl-ebda hin ma jghidu li l-imputati kienu ko-partecipi, anzi jghidu li raw lil Donald Bonnici jferraq. Jinghad li filfatt Bonnici spicca bla ebda ferita jew sinjal ta' aggressjoni, kuntrarjament ghal dak li kien hemm fuq il-barrani.

Din il-kawa hija bbazata fuq il-kredibilta' tax-xhieda u dan ghaliex xhieda okulari tal-incident fir-rigward tal-imputati odjerni ma hemmx.

Jigi rilevat li hadd ma gharaf lill-imputati bhala li kienu l-aggressuri tal-barrani, lanqas iz-zewg persuni li rregistraw ammissjoni u li qalu li kienu fil-kumpanija ta' nies ohra meta kkomettew dawn ir-reati. Jinghad li lanqas il-vittma stess ma gharaf lill-imputati.

Il-pulizija jghidu li Lefevre kien indikalhom lill-imputat Donald Bonnici bhala wiehed minn dawk l-aggressuri allegatament waqt li kienu ilkoll Paceville ftit tal-hin wara l-incident, pero' meta Lefevre gie mistoqsi jekk jaghrafx lill-imputati waqt li kien qed jiddeponi, jghid li ma jaghrafhomx. Fl-istills esebiti imkien ma jidher li l-imputati qeghdin ihebbu ghal dan il-barrani, pjuttost l-istills jikkonfermaw it-tezi tal-imputati stess u cioe' li kien il-barrani li waddab il-barmil bl-ilma fid-direzzjoni taghhom, li dan il-barrani kien aggressiv tant li beda jghid, u dan b'referenza ghal Donald Bonnici *'I kill you'*, li ikkreja diffikolta' lill-pulizija u lill-infermiera sabiex idahhluh fl-ambulanza.

Ghaldaqstant in vista tan-nuqqas ta' provi dwar l-akkuza li kienu l-imputati li kkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Steve Lefevre, din il-Qorti ma tistax issibhom hatja ta' din l-akkuza.

Dwar il-kontravenzjoni ta' ksur ta' paci pubblika, il-Qorti taghmel referenza ghal xi tfisser ksur ta' paci pubblika.

Illi ksur ta' paci pubblika necessarjament ifisser, skond kif gie deciz fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Pio Galea** fejn jinghad li:

"*Biex ikun hemm dawn il-kontravenzjonijiet irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat,) dwar l-inkolumita' ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*"

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Proceedings*** (pagna 2549) meta jikkwota dak li qal L.J. Romar fil-kaz AG v PYA Quarters jghid:-.

"*that it is clear in my opinion that any niusance in public which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb ***The Criminal Law of Scotland*** (pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon) fejn hemm tifsira ta' x'inhi paci pubblika u precizament fejn jghid:

"*whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Illi fil-kwadru tal-provi migbura, ma jidhirx li kien l-agir tal-imputati li kkreja dan il-ksur ta' paci pubblika u ghalhekk lanqas din il-kontravenzjoni ma tista' tirrizulta.

Dwar it-tielet akkuza, u cioe' li huma impejgaw jew haddmu jew ippermettew l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati kontra d-dispost tal-Artikolu 4 tal-Kap 389, jinghad is-segwenti:

Paul Medina xehed u jghid li dakinhar tal-incident huwa kien xoghol bhala *security* gewwa l-fond Deja'Vu jahdem flimkien ma' Chris Caruana, u li l-imputati kienu l-imghallmin taghhom. Illi l-imputati jichdu li fil-fatt kienu mpjegawhom bhala *security* u dan ghaliex jghidu li l-ftehim li ghandhom huwa li jqabbdu lis-socjeta' Kerber Securities sabiex tipprovdilhom *securities* u huma jhallsu lilhom. Filfatt ghamlu referenza ghal *cheque images* li hemm esebiti fl-atti. Jinghad li l-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova u dan billi ma pprovatx li huma l-imputati odjerni li huma d-dirigenti tal-fond Déjà Vu billi tesebixxi xi kopja tal-Memorandum and Articles ta' din is-socjeta' Déjà Vu jew addirittura taghmel serje ta' domandi f'dan ir-rigward, kemm waqt l-istqarrija kif ukoll meta xehdu *viva voce*, haga li naqset li taghmel. Ghalhekk din l-akkuza ma gietx ipprovata bl-ahjar mod.

Dwar l-ahhar akkuza ta' recidiva jinghad li din ma tistax tirrizulta stante li din il-Qorti mhux qed issib lill-imptutai hatja tal-akkuzi principali.

*Illum, 19 ta' Jannar, 2017.* *Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D*

**Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216, 338 (dd), 383, 384, 385, 386, 387, 389, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 4 u 25 (c) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li mhux qed issib lill-imputati DONALD BONNICI u MARCO BONNICI hatja tal-akkuzi u tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.**

Tichad li tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante li din il-Qorti ma sabithomx hatja tal-akkuzi odjerni. Tichad li tohrog Protection Order jew garanzija fil-konfront tal-vittma Steve Lefevre stante li din il-Qorti qed tillibera lill-imputati minn dawn l-istess akkuzi.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**